

# Minn Ġrajjet il-Banda Prince of Wales Own



**Kitba ta'**
**Anton Attard**

## Mitt Sena Presidenti Onorarji u Surmastrijiet Diretturi Ġodda

Bħal daż-żmien mitt sena, bejn tmiem l-1904 u l-bidu ta' l-1906, **l-Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own** kienet għaddejja minn żmien ta' tiġdid. Il-biċċa l-kbira minnu riżultat ta' ċirkustanzi, li l-Kumitat ta' dak iż-żmien nistgħu ngħidu li ġew fuqu ħabta u sabta.

F'Novembru ta' l-1904, miet is-surmast direttur tal-Banda Raffaele Ricci. Għall-**Banda Prince of Wales Own** din kienet telfa li bosta ħasbu li tista tkun irrimedjabbli, billi Mro. Ricci kien wieħed mill-aħjar diretturi ta' dak iż-żmien. Barra minn dan, it-taħriġ tal-bandisti dawk ix-xhur kien ta' importanza ġmielha, għax żmien is-servizzi li soltu kienet tagħti l-Banda kien riesaq ġmielu.

Din il-problema ġiet solvuta temporanjament frott ir-relazzjonijiet eċċellenti li kienu ġew stabbiliti dak iż-żmien bejn iż-żewġ Baned tal-Birgu, il-**Prince of Wales Own** u d-**Duke of Edinburgh**. Dan kien wassal biex id-diretturi taż-żewġ Baned jinħatru diretturi onorarji taż-żewġ Baned rispettivi. Għalhekk, sakemm inħatar surmast minflok Ricci, is-surmast Gaetano Grech, tal-Banda **Duke of Edinburgh**, assuma l-inkarigu temporanju tat-taħriġ tal-bandisti tal-**Prince of Wales Own** ukoll. Din il-koperazzjoni ġiet apprezzata ħafna tant li fl-Ewwel tas-Sena, il-Kumitat tal-**Prince of Wales Own** stieden lil dak tad-**Duke of Edinburgh** u waqt ir-riċeviment li sar, is-Surmast Grech ġie regalat bi klamar u pinna tal-fidda. Kollaborazzjoni li ntlaqgħet tajjeb tant, li wieħed mill-ġurnali kkummenta dwarha favorevolment.[1]

## Mro. Luigi Vella

Kif kien qed isir dik il-ħabta, ħafna kienu jistennew li din il-Banda magħrufa Vittorjożana kienet ser taħtar mill-ġdid xi direttur barrani. Iżda fil-bidu ta' l-1905, tħabbret uffiċjalment l-għażla ta' Maestro Luigi Vella, meqjus bħala wieħed mill-aħjar kompożituri li kien hawn f'Malta dak iż-żmien. Dan kien ta' ċertu sodisfazzjon għal x'uħud. Dawn kienu xi ftit

diżappuntati meta bdew jaraw li surmastrijiet ta' ħila Maltin kienu qed jingħataw il-ġemb. Għalhekk, id-deċiżjoni tal-Kumitat Vittorjożan intlaqgħet tajjeb ħafna. Dan jidher ċar minn kumment li deher f'wieħed mill-ġurnali ta' dak iż-żmien:

> *Tal-**Prince of Wales Own** ħaqqhom kull tifħir għax għażlu raġel Malti bħalna li hu kapaċi daqsmin hu kapaċi.*[2]

Mro. Luigi Vella kien ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Kulleġġ Sant'Injazju tal-Ġiżwiti u tħarreġ fil-mużika minn missieru Giuseppe, li kien *Maestro di Cappella* tal-Katidral. Tant mexa 'l quddiem li, tul il-karriera tiegħu, ħareġ rebbieħ f'diversi konkorsi mużikali. Ġie onorat kemm-il darba b'midalji tad-deheb jew fidda. Kompożizzjonijiet tiegħu, għal-livell għoli tagħhom, sabu posthom fl-arkivju tal-*Conservatorio S.Pietro a Maiella*, ta' Napli. Kompożizzjonijiet sagri bħal *Domine ad Adiuvandum* u l-intermezz sinfoniku *Giuda da Karioth* ġew aċċettati fl-Arkivju tal-Vatican. Bejn l-1902 u l-1917 ikkompona xejn inqas minn 75 biċċa ta' stil sagru, fosthom l-ewwel quddiesa skond il-Motu Proprio ta' Piju X, kollha esegwiti b'suċċess f'diversi knejjes, inklużi l-Katidrali tagħna, wara li Mons Isqof Pace ħatru *Maestro di Cappella*. Kompożizzjonijiet profani ma naqsux, fosthom l-Oratorju *La Lampada*, l-opra lirika *Giordano*, b'żewġ atti u preludju u l-opra l-oħra *Rosalinda*, b'erba' atti. Kiteb ukoll aktar minn 90 kompożizzjonijiet oħrajn varji, bħal sinfoniji, marci u valzi. Is-Surmast Vella miet ta' 82 sena u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.[3]

Wara l-ħatra tiegħu ta' surmast direttur tal-**Banda Prince of Wales Own**, jingħad li kkompona u rregalalha *Interludio Sinfonico* l-ġmiel tiegħu. Iżda ta' min jinnota li fiż-żmien li dam direttur tal-**Banda Prince of Wales Own**, ir-repertorju tagħha fid-diversi programmi li għamlet inbidel ftit li xejn. Għandu l-mertu però li f'uħud mill-programmi introduċa għażliet minn opri mhux tant popolari u, tista tgħid, li kienu fir-repertorju ta' din il-Banda biss. Qed nalludi għal dawk mill-opra ta' Mro. Apollone l-*Ebreo,* li l-Banda daqqithom fil-festa ta' San Lawrenz, il-Birgu f'Awissu 1905.[4] Kien hemm ukoll l-għażliet mill-opra *Armida* ta' Mro. Ferrari, li inkludiha f'wieħed miż-żewġ programmi li l-**Banda Prince of Wales Own** għamlet fi Pjazza Paola, Raħal Ġdid, fil-festa ta' Santa Ubaldeska, fis-26 u s-27 ta' l-istess sena.[5]

## Il-Banda fi Żmien Mro. Vella

Il-mod li bih beda jħarreġ lill-bandisti Vella beda jħalli riżultati pożittivi. L-ewwel programm li l-Banda għamlet taħt id-direzzjoni tiegħu kien fil-Belt, fil-festa ta' San Pawl. Fi Pjazza San Ġorġ, is-Surmast Vella kien għażel li jesegwixxi dan il-programm:

Il-marċ *Variopinta* ta' Mro. Mallia,
Is-Sinfonia *Guarany* ta' Gomez
Għażliet mill-Opri *Pescatori di Perle* ta' Bizet u l- *Jone* ta' Petrella
Il-Melodia *Libro Santo* ta' Pensuti
Il-Valzer *Charity* ta' l-ex- direttur tal-Banda, Mro. Ricci.[6]

It-tieni programm taħt id-direzzjoni ta' Vella sar fi Pjazza Vittoriosa, il-Birgu stess, ħamest ijiem wara. F'rapport li deher fil-ġurnal *Malta Tagħna* ta' jumejn wara nkiteb li l-folla preżenti setgħet tapprezza l-progress li l-**Banda Prince of Wales Own** għamlet f'anqas

minn xahar taħt it-tregija tiegħu, bl-istil melodjuż li rnexxielu jdaħħal. Aktar tard, fl-istess ġurnal, ġie rrapurtat li taħt Vella l-Banda saret minn ta' quddiem fost il-Baned Maltin.[7]

Dan jikkonfermawh l-għadd ta' servizzi li bdiet tiġi mitluba tagħmel. Dawn bdew ġejjin, wieħed wara l-ieħor. F'Marzu nsibuha fir-Rabat, fil-festa ta' San Ġużepp. Għall-ewwel darba ġiet mistiedna tieħu sehem fil-festa ta' San Publiju, fil-Furjana. Ingħatat l-aktar post prominenti tas-subborg – fi Triq Sant'Anna. Daħlet lejlet u nhar il-festa u fiż-żewġ programmi li għamlet intlaqgħet b'applawsi kbar; l-aktar fit-tielet att ta' l-opra *Ernani*, wara l-esekuzzjoni ta' l-intermezz mill-*Cavalleria Rusticana*, it-terzett mil-*Lombardi* u s-sinfonija *Cordelia* ta' Riccardo Bugeja.[8]

It-Tnejn 5 ta' Ġunju, lejlet l-Ewwel Tlieta ta' tħejjija għall-festa ta' **San Duminku** fil-Birgu, beda l-kontribut li, sa minn meta twaqqfet il-**Banda Prince of Wales Own**, għen ħafna biex din il-festa saret tant popolari. Wara marċ mat-toroq tal-Birgu, għamlet programm fit-triq tal-Lunzjata, li kienet imżejna u mixgħula għall-okkażjoni. Dakinhar, qabel inħaraq in-nar ta' l-art, esegwiet il-marċ *Stella di Malta* ta' Ermenegildo, is-sinfonija *Sommernachtstoraum*, kompożizzjoni ta' Mro. Suppe', selezzjoni mir-Raba' Att ta' l-*Aida* u l-melodija tant ħelwa *Libro Santo*, ta' Pinsuti.[9]

Taħt id-direzzjoni ta' Vella, kienet daħlet ukoll Ħal Qormi, fil-festa ta' San Ġorġ u b'żewġ programmi oħra, lejlet u nhar il-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara. Fil-festi kbar li saru f''Bormla mitt sena ilu, fl-okkażjoni ta' l-inkurunazzjoni tal-kwadru titular ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, il-**Banda Prince of Wales Own** għamlet żewg programmi. Wieħed fit-30 ta' Ġunju u ieħor l-għada, it-tnejn fi *Piazza Antico Mercato.* li dik il-ħabta kien wieħed mill- lokalitajiet l-aktar prominenti ta' din il-belt Cospicua.[10] Ġa għamilna aċċenn għall-programmi li l-Banda dik is-sena għamlet fil-festa ta' San Lawrenz, fil-Birgu u ta' Santa Ubaldeska, f''Raħal Ġdid.

Naturalment ma jistax jonqos li ma tkunx prominenti fil-festa ta' **San Duminku** fil-Belt u f'dik fil-Birgu. Il-parteċipazzjoni tagħha f'din ta' l-aħħar forsi kienet tkun mistennija aktar minn bnadi oħra. Bdiet fl-aħħar jum tat-Tridu waqt it-tlugħ ta' l-istatwa ta' **San Duminku** fil-Pjazza, kompliet l-għada bil-Marċ tat-*Te Deum* u filgħaxija ta' l-istess jum, bil-programm fuq il-planċier, ħdejn il-Knisja tal-Lunzjata. Dik il-lejla, Mro.Vella inkluda għażliet mill-Opra popolari *La Boheme*, li ma setax jonqos li jintlaqgħu tajjeb ħafna, billi dik il-ħabta, din l-opra kienet fuq fomm id-dilettanti kollha.

Fit-8 ta' Ottubru, il-jum li fih dik il-ħabta kienet tiġi ċċelebrata fil-Birgu r-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir, il-Banda **Prince of Wales Own** issieħbet mal-**Banda Duke of Edinburgh** u dik **San Giorgio**, ta' Bormla, fiċ-ċelebrazzjonijiet li saru dik is-sena.[11]

Għalkemm ma' ltqajt ma' ebda programm tal-festa ta' dik is-sena, nistħajjel li, bħal ma sar fil-festi preċedenti, ma naqsitx li tidħol Bormla, meta f'Diċembru, għal darb' oħra dik is-sena, ġiet iċċelebrata l-festa ta'l-Immakulata Kunċizzjoni f'dik il-belt Cospicua.

Ir-rabta tas-Surmast Vella mal-**Banda Prince of Wales Own** ma damitx wisq. Kif ser naraw 'il quddiem, fi Frar ta' l-1906, il-Banda kienet mingħajr surmast direttur.

## Tmiem il-kariga ta' l-Ammirall Lacon Hammet

Fil-bidu ta' l-1905, l-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own** ma bidlitx biss is-surmast tagħha, iżda ġiet fi tmiemha wkoll il-kariga ta' l-Ammirall Lacon Hammet bħala President Onorarju tagħha. Fil-bidu ta' Frar intemm l-appuntament ta' Lacon Hammet bħala Ammirall Supretendent tat-Tarzna ta'Malta. Billi hu kellu jħalli Malta fi żmien qasir,

il-Kumitat ta' l- **Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own** ħass li kien xieraq li jistieden lill-Ammirall u President Onorarju tagħha għal riċeviment ta' l-aħħar fil-każin.

Dan seħħ il-Ġimgħa 3 ta' Frar. Lacon Hammet, flimkien ma' martu, wasal il-każin fit-8.00 pm u flimkien mal-Membri tal-Kumitat sab tistennieh ġemgħa ta' personalitajiet distinti, fosthom uffiċjali tas-Servizzi, libsin l-uniformijiet eleganti tagħhom. Il-**Banda Prince of Wales Own** laqgħetu bl-Innu Brittaniku *God Save the King* fost l-applawsi ta' dawk preżenti. Fis-sala prinċipali tal-każin, sar diskors ta' merħba minn Dr. Gian Feliċ Inglott, President ta' l-Għaqda. Wara beda kunċert mużikali bil-parteċipazzjoni ta' l-aħwa Vella (ħut is-surmast tal-Banda) fuq il-pjanu u l-kantanti Funny Spiteri, Marietta Soler u Olga Beck.

Wara r-riċeviment, Lacon Hammet indirizza 'l dawk preżenti b'kelmtejn li jistgħu jitqiesu bħala ċertifikat mill-isbaħ għall-ħaddiema tat-Tarzna. Fost ħwejjeġ oħra qal li, tul it-tliet snin li kien ilu hawn, l-4500 impjegat, fil-maġġoranza assoluta tagħhom, sab li kienu ħaddiema tas-sengħa mill-aqwa u bil-għaqal tant li ma kellux għalfejn jieħu passi dixxiplinari serji għajr f'ċirkustanzi li tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda. Temm id-diskors tiegħu billi nforma lill-Kumitat li l-Ammirall Arthur Bromley, li kien ġej minfloku, kien aċċetta t-talba li għamillu l-Kumitat biex ikun il-President Onorarju ġdid ta' l-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own.**

Din l-aħħar żjara ma' Lacon Hammet fil-Birgu ntemmet bil-banda ddoqq *For he is a jolly good fellow* u l-*Auld Lang Syne*, li deher li kkommovew ħafna lill-Ammirall u martu tant li, kif ġie rrapurtat fil-ġurnali, dehru ħerġin mill-Każin bid-dmugħ f'għajnejhom.[12] L-istess għamlu l-Membri u l-Bandisti ta' l- **Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own** u magħhom il-ħaddiema tat-Tarzna ftit jiem wara, meta waslet hawn l-aħbar li Lacon Hammet kien ħassu ħażin u miet ftit wara, meta kien wasal Firenze, fi triqtu lura lejn l-Ingilterra. Il funeral mill-aqwa li sarlu hawn, li fih il-**Banda Prince of Wales Own** kienet protagonista, jixhed dan.

## Laqgħa kbira lill-President Onorarju l-ġdid

Is-Sibt 29 ta' April, żar il-Każin għall-ewwel darba, il-President Onorarju ġdid ta' l-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own**, l-Ammirall Arthur C.B. Bromley. Dan wasal imsieħeb minn martu u bintu filgħaxija u sab jistennewh ħafna persunaġġi distinti. Il-Banda laqgħetu bil-*God Save the King* u kif dan intemm, sar is-solitu diskors ta' merħba mit-tabib Inglott. Kif dan intemm, is-Sur Vincenz Busuttil, Segretarju ta' l-Għaqda, ippreżenta lill-mara u lil bint l-Ammiral, ċentru tal-fidda u bukkett fjuri.

Qabel beda r-riċeviment, imbagħad, sar kunċert mużikali minn pjanisti u kantanti li, dik il-ħabta, kienu msemmijin ħafna. Bdew is-surmast Luigi Vella u z-żewġ ħutu li t-tlieta f'daqqa (sitt idejn) interpretaw diversi għażliet klassiċi fuq il-pjanu. Kompliet il-pjanista Giulietta Soler li nterpretat ir-*Raphsodie Ungherese*. Wara kien imiss il-parti tal-kant li għaliha wrew li kienu ppreparati sewwa Olga Beck li nterpretat ir-romanza *Pace*, mill-*Forza del Destino*. Xejn anqas minnha



*Il-funeral ta' l-Ammirall.*

ma ġibdu l-applawsi ta' dawk preżenti Jessie Francica, li mill-*Giochonda* kantat *A te questo rosario* u Fanny Spiteri Staines li nterpretat romanza mill-*Faust.*

Wara r-riċeviment, l-Ammirall niżel isfel biex ikellem lill-bandisti fejn qalilhom li dakinhar ikkonferma dak li kienu qalulu dwar il-ħila mużikali tagħhom. Waqt li offra x-xorb lil kulħadd, wiegħedhom li ma jdumx ma jistedinhom fil-palazz tiegħu, għal riċeviment ieħor. Kompla li kien diffiċli tissostitwixxi President tal-kalibru ta' Lacon Hammet, iżda wiegħed li ser jagħmel dak kollu li jista biex għemilu ma jkunx differenti minn tiegħu. Il-Banda kompliet tinterpreta is-soliti biċċiet li jindaqqu f'okkażjonijiet simili, sakemm l-Ammirall ħalla l-Każin meta kien qorob nofs il-lejl, fost iċ-ċapċip tal-folla li baqgħet tistennieh ħiereġ.[13]

## Bromley Jirreċiproka

Kellhom jgħaddu għaxar xhur sakemm l-Ammirall Bromley żamm il-wegħda li kien għamel meta żar il-Każin għall-ewwel darba – dik li jistieden fil-palazz tiegħu lill-Kumitat u lill-Banda. Iżda għalkemm xi ftit tard, huwa għamel dan b'mod li ftit kien mistenni.

Il-Banda, flimkien mal-Membri tal-Kumitat waslu fil-palazz ta' l-Ammirall, li kien fejn illum hemm il-*Casino di Venezia*, fit-3.00 ta' wara nofsinhar u fuq palk armat viċin, il-Banda bdiet programm, din id-darba taħt id-direzzjoni tas-Surmast Emanuel Bartoli. Dan is-surmast, li kien id-direttur tal-Banda tar-*Royal Malta Artillery,* ingħata t-treġija għal din l-okkażjoni, wara li kienet intemmet, aktarx ħesrem, il-kariga ta' Mro. Luigi Vella.

Waqt il-programm, il-Membri tal-Kumitat, flimkien ma' 300 personalitajiet distinti oħra kienu mistiedna għal pranzu, mogħti fis-sala prinċipali tal-palazz. Fl-istess ħin, bejn intervall u ieħor, il-bandisti bdew jiġu ttrattati għal kemm-il darba b'xorb rifreskanti u ħelu.

Wara li ntemm il-pranzu, l-Ammirall Bromley ġabar flimkien lill-Membri tal-Kumitat u lill-bandisti u beda jferralhom ix-xorb huwa stess. Feraħ lill-bandisti għall-programm li għamlu u ppreżenta tazza tal-fidda lill-President, bi skrizzjoni fuqha li tfakkar dik l-okkażjoni.[14]

## Surmast Direttur Ġdid

Post is-surmast Vella fid-direzzjoni tal-Banda il-Kumitat għażel li jimlieh temporanjament, sakemm tittieħed deċiżjoni finali, mis-surmast Paċifku Scicluna, li kien surmast direttur tal-Banda Żabbarija **Maria Mater Grazie**. Sakemm kien aġent direttur, insibu li Mro. Scicluna dderieġa lill-**Banda Prince of Wales Own** fil-festa tas-Salib f'Bormla u fil-Belt fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu.[15] Iżda sal-festa ta' San Lawrenz fil-Birgu, li fiha l-**Banda Prince of Wales Own** ħadet sehem taħt id-direzzjoni tiegħu, skond il-programm li xxandar, insibu li kien laħaq inħatar direttur fuq bażi permanenti, għalkemm l-aħbar uffiċjali xxandret disat ijiem wara.[16]

Fl-ewwel programm li fih idderieġa lill-**Banda Prince of Wales Own** Mro. Scicluna, ħarġet aktar fid-deher il-koperazzjoni u l-għaqda li kien hemm bejn din il-Banda u dik l-oħra Vittoriożana, id-**Duke of Edinburgh**, li ġibdet l-ammirazzjoni ta' ħafna tant li ngħatat prominenza f'wieħed mil-ġurnali mill-aktar mexxejja ta' dak iż-żmien.

Iż-żewġ Baned tal-Birgu, f'Mejju ta'l-1906, kienu ġew mistiedna biex jieħdu sehem fil-festa tas-Salib f'Bormla. Dawn kellhom jagħmlu l-programmi tagħhom viċin xulxin fi Pjazza Santa Margerita. Billi f'dik il-belt, din il-festa kienet tiġi ċċelebrata bil-kbir, kien jinħtieġ li l-bandisti jilbsu l-uniformi gala tax-xitwa. Iżda tad-**Duke of Edinburgh** ma setgħux jagħmlu

dan għax fl-istess żmien kienu qed iġeddu l-uniformi gala tagħhom. Kontra kull xewqa, il-bandisti kien ser ikunu kostretti jilbsu l-uniformi tas-sajf, minkejja li kien għadu ma wasalx żmienha. Ta' min jinnota li dik il-ħabta l-uniformi kienet element mill-aktar importanti għall-Baned. L-uniformi tal-bandisti kienet tqum lill-Każini aktar minn LM500; somma enormi meta tqis li l-paga ta' ħaddiem tas-sengħa, dik il-ħabta, kienet biss madwar Lira fil-ġimgħa. Biex ma jidherx dan l-ispariġġ, il-Kumitat ta' l-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own** iddeċieda li l-bandisti tiegħu, għalkemm l-okkażjoni kienet titlob mod ieħor, minflok l-uniformi gala tax-xitwa, jilbsu dik tas-sajf huma ukoll. Għall-istorja, ta' min iżid ukoll li l-Banda Bormliża **San Ġiorgio** kienet daqqet fi Piazza Antico Mercato, bil-bandisti tagħha lebsin il-gala tax-xitwa.[17]



## Is-Surmast Paċifku Scicluna

Is-Surmast Pacifku Scicluna twieled Bormla fl-14 ta' Awissu 1876 u tgħammed l-għada fil-knisja parrokkjali ta' l-istess belt Cospicua.[18] Wara ftit xhur, il-familja Scicluna marret toqgħod il-Birgu, fejn Paċifku trabba u għex sa mewtu.

Beda jistudja l-mużika ta' 9 snin mal-**Banda Duke of Edinburgh** tal-Birgu u ħareġ idoqq ftit wara bħala katubier, għalkemm aktar tard, kompla bil-klarin wara li studja taħt Giuseppe Farrugia. Kompla l-istudji mużikali tiegħu taħt diversi surmastrijiet, bħal Catania, Abela, Ricci, Doncich, Hare, Grech u Artz.

Fl-1903, ta' 27 sena, inħatar surmast direttur tal-**Banda Maria delle Graziae**, ta' Ħaż-Żabbar. Tul il-karriera twila tiegħu, kien surmast ta' dil-Banda erba' darbiet u magħha għamel total ta' 29 sena sħaħ, sakemm irtira fl-1951, meta kellu 75 sena u ġie onorat bil-ħatra ta' Surmast Direttur Onorarju tagħha.

Bħal ma ġa rajna, f'Awissu ta' l-1906, wara xhur ta' prova, ġie kkonfermat surmast direttur tal-**Banda Prince of Wales Own**, fejn baqa sa Frar 1914. L-aħħar programmi fil-pubbliku, li għamlet il- Banda taħt id-direzzjoni tiegħu, aktarx kienu dawk f'Bormla, lejlet u nhar il-Kunċizzjoni ta' l-1913.

Fost kompożizzjonijiet li għamel kemm dam surmast ta' din il-Banda, hemm *Inno a San Domenico,* li baqa' magħruf bħala *'l-innu l-kbir'*. Minbarra taż-żewġ baned imsemmija, Mro. Scicluna kien direttur ukoll tal-**Banda De Rohan** ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-**Banda San Giuseppe** (illum **Melita**) ta' l-Imsida u darbtejn tal-**Banda Duke of Edinburgh** tal-Birgu, bejn l-1924 – 1927 u l-1944 – 1951. Fl-1919 kien ukoll magħżul *Bandmaster* tal-Banda tar-*Royal Navy* u f'din il-kariga kien intbagħat Chatam biex imexxi l-Banda tar-*Royal Marines*. Baned oħra tal-Flotta Ingliża tal-Mediterran li dderiega kienu dawk tal-bastimenti *H.M.S. Centeur* u *H.M.S. Cleopatra*. F'okkażjonijiet diversi kien idderieġa wkoll lill-Baned **San Giorgio** ta' Bormla, **Vittoria** tal-Mellieħa, **Unione** ta' Ħal Luqa u **King's Own** tal-Belt.

Mro. Scicluna ħalla kompożizzjonijiet ta' kull xorta, bħal sinfoniji, valzi, boleri, marċi u innijiet. Fost dawn ta' l-aħħar, hemm is-*Salve Maria Salve* għal Ħaż-Żabbar, l- *Ave Maria*, magħrufa bħala *'tal-fanfara'*, l -*Inno all'Assunta*, għal Ħad-Dingli u dak li ġa semmejna aktar lura, ***Inno a San Domenico,*** għall-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own**, tal-Birgu.

Wara ħajja eżemplari ta' nisrani prattikanti li kien, Paċifku Scicluna miet ta' 81 sena, fl-20 ta' Settembru 1957, u jinsab midfun fil-Kappella tad-Duluri li l-Komunità Dumnikana tal-Birgu għandha fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.[19]

Naħseb li f'din il-firxa ta' ftit xhur li ħarisna lejha dis-sena, kienet fost iż-żminijiet li l-aktar rat tiġdid iseħħ fiha l-**Għaqda Filarmonika Prince of Wales Own**, tul l-istorja twila u interessanti tagħha, li qajl qajl, qed niflu minn diversi sorsi u li, minn żmien għal ieħor, qed nirrakkuntaw f'dan il-ktejjeb/programm tal-**Festa tal-Patrijarka Missierna San Duminku ta' Guzman fil-Birgu**.

**Referenzi**


[1] *Malta Tagħna*, 14 ta' Jannar 1905.
[2] Idem.
[3] R. Mifsud Bonnici, *Kompożituri Maltin*, ABC Printers Valletta, 1950, pp.28-31.
[4] *Malta*, 8 Agosto 1905.
[5] *Ibid.* 24 Agosto 1905.
[6] *Ibid.* 8 Febbraio 1905.
[7] *Malta Tagħna*, 18 ta' Frar u 4 ta' Mejju 1905.
[8] *Malta*, 4 Maggio 1905
[9] *Malta Tagħna*, 3 ta' Ġunju 1905
[10] *Ibid. u Malta*, 30 Gugnio 1905.
[11] *Malta*, 7 Ottobre 1905.
[12] *Ibid.* 17 Febbraio 1905 u *Malta Tagħna,* 11 ta' Frar 1905.
[13] *Ibid.* 4 Maggio 1905 u 6 ta' Mejju 1905.
[14] *Malta Tagħna,* 17 ta' Frar 1906.
[15] *Ibid.* 1 ta' Mejju u 12 ta' Lulju 1906
[16] *Ibid.* 19 ta' Awissu 1906.
[17] *Ibid.* 12 ta' Mejju 1906.
[18] Arkivju Parr. Bormla, *Liber Bapt. Vol.18, f.130.*
[19] Ħajr lis-Sinjuri Lorenzo Zahra u Malcolm Schembri B.A (Gen),PGCE. għat-tagħrif dwar Mro. Scicluna.



AKKWIST
Household Appliances

SALE 18, Triq il-Ġdida, Bormla SALE
Tel: 2189 8230

Il-Ħanut fejn issibu lista twila ta' Appliances utli għad-Dar

- FRIDGE FREEZERS 2 DOOR
- WATER DISPENSERS
- DEHUMIDIFIERS
- CHEST FREEZERS
- COOKERS
- TWIN TUB WASHING MACHINES
- AIRCONDITIONERS
- AUTOMATIC WASHING MACHINES
- MICROWAVE OVENS
- TABLES MODEL UNITS

Ejja u tara kif issib veru roħs ĠENWIN